MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Numru. 963/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**CHETIGA INUSAH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Chetiga Inusah ta’ 30 sena bin Ibrahim Chetiga u Aminita nee’ Sawadgu, mwieled Burkina Faso, nhar l- 1 ta’ Jannar 1979, residenti gewwa Tent Centre, Hal- Far, Limiti taz-

Zurrieq, jew Marsa Open Centre, Marsa u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 45542(A);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar l- 20 ta' Settembru 2009 ghall- habta ta' xi 15.00hrs, gewwa dawn il- Gzejjer, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l- persuna ta' PC 445 Adrian-Paul Bugeja persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il- Ligi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal- ARtikolu 96 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' PC 445 Adrian- Paul Bugeja persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz bi ksur tal- Artikolu 95 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi ghamillu offiza ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC 445 Adrian- Paul Bugeja skond kif iccertifika Dr. A. Mercieca MD (reg 3779) mill- Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija waqt li kienu jaghmlu d- dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahal fid- dmirjiet taghhom u dan bi ksur tal- ARtikolu 338 (ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

5) u aktar tali fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi hebb ghal ta' PC 445 Adrian- Paul Bugeja, sabiex

jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta’;

6) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi volontrajament kiser il- paci publika u l- bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijeti ta’ Malta;

7) u aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi imbotta lil imsemi PC 445 Adrian- Paul Bugeja sabiex iwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (1) (l) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-Qorti semghet kif gara dan l-incident, li ghalkemm ma kienx wiehed li gab konsegwenzi serji mieghu, xorta hu wiehed ta’ certu gravita’. Fil-fatt, il-Qrati taghna konsistentement taw pieni ta’ prigunerija f’ kazijiet fejn ufficjali pubblici gew attakkat waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, u din il-Qorti sejra zzomm ma’ dik il-linja f’ dan il-kaz ukoll. Madankollu, hemm kaz u kaz, u fil-fehma tal-Qorti l-piena tista’ tigi sospiza milli tidhol fis-sehh immedjatament, tenut kont li l-imputat skuza ruhu mal-Pulizija u li ma kienx hemm konsegwenzi serji f’ dan l-incident kollu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96 (a),95 (1), 221, 338 (ee), 339 (d) (e), 338 (dd), 342 u 339 (1) (l) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------